# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 29 ta’ Jannar, 2001**

**Numru: 4**

**Citazzjoni Numru: 1601/92 JF**

**Dr. Simon Micallef Stafrace LL.D. bhala rapprezentant tas-socjeta’ Formosa & Camilleri Ltd. u dina bhala agenti Malta tas-socjeta’ assikurattrici estera Guardian Royal Exchange plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Royal Productions Limited.**

**vs**

1. **Godwin Abela u Alfred E. Aquilina bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited,**
2. **Joseph Apps ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sea Malta Company Limited,**
3. **Marin Hili u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Freeport Terminal (Malta) ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Billi s-socjeta' "Royal Products Limited" importat gewwa Malta fuq il-vapur M/V Norasia "686 cartions Frozen Boneless Beef Briskets." Liema servizz gie organizzat mis-socjeta' Sea Malta Company Limited.

Billi wara li waslet din il-merkanzija f'Malta fid-29 ta' Novembru 1991 u

nhattet minn fuq il-bastiment imsemmi, din giet ikkonsenjata lill-importatur danneggajata (Dok. B.).

Billi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni ezistenti bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu l-attur nomine kellu jindennizza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat, kif jirrizulta mill-anness "subrogation form" Dok. "A".

Billi l-attur nomine jikkwantifika l-hsara u nuqqasijiet riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' sitt elef u tmien mija u tletin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm6,830.50,0) inkluz f'din il-figura l-ammont ta' hamsin lira (Lm50) imhallsa bhala survey fee.

Billi il-konvenuti nomine huma responsabbli ghal dawn id-danni.

Talab li dina l-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur fis-somma ta' Lm6,830.50,0;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm6,830.50,0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli il-konvenuti nomine jew min minnhom;

- kollox skond kif intqal u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mit-31 ta' Marzu 1992 data tal-pagament relattiv lill-assigurat tal-attur nomine, kontra l-konvenuti nomine, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Joseph Apps ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sea Malta Company Limited fejn eccepixxa bir-rispett:

Illi huma gew imharrkin fil-kawza fl-ismijiet premessi billi l-merkanzija in kwistjoni ma ngarritx minnhom imma ngarret mis-Sea Land ta' min huma biss l-agenti u ghalhekk huma fil-kwalita' liema gew imharrka ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi huma ezonerati minn kwalsiasi responsabbilta' billi huma garru container wiehed taht il-klawsola *"Shipper load stow and count free*

*in/liner out"* u ghalhekk ma hum bl-ebda mod responsabbli ghall-kwalita' tal-merkanzija trasportata;

Ili huma jikkonsenjaw il-merkanzija fl-istat li garruha u bl-ebda mod ma huma responsabbli ghall-hsara li qed jigi allegat li garrbet dinil-merkanzija.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Marin Hili ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Freeport Corporation Ltd. fejn eccepixxa bir-rispett:

1. Illi l-konvenut Marin Hili ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Freeport Corporation Ltd. m'huwiex il-legittimu kuntradittur ghal finijiet ta' din il-kawza.

2. Illi l-konvenut nomine m'huwiex responsabbli f'ebda mod ghall-hsarat u nuqqasijiet kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine.

3. Illi l-konvenut Marin Hili ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Freeport Corporation Ltd. ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi l-konvenut nomine jirriserva d-dritt li jaghmel eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela noe fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd., ikkonsenjat il-Container Nru. SEAU 12331/5 in kwistjoni lill-'consignee or his authorised agent' minghajr rimarki kif jidher ampjament car mill-Gate Pass Out Nru. 170538 u mill-Joint Tally Sheets hawn annessi.

2. Illi fi-tieni lok ghandha tigi pprovata l-allegata surroga.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi pprovat kif, meta u minn min sar l-allegat hlas ta' l-allegati danni.

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma esagerati.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess l-interessi jiddekorru mid-dta tac-citazzjoni stante si tratta dwar kawza ta' danni (Sentenza ta' Appell Sede Kummercjali – deciza fis-sitta ta' April, 1992 – Citaz. Nru. 112/86 – Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud, Godwin Abela u John Cavallo).

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess is-survey fees allegati, ma jistghux jigu riklamati stante li m'humiex danni tal-assigurat. (Sentenza ta' l-Appell Sede Kummercjali deciza fis-6 ta' April, 1992 – Citaz. Nru. 112/86).

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Marin Hili nomine fejn eccepixxa:

1. Illi, l-eccipjenti wahdu m'ghandux ir-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta' "Freeport Terminal (Malta) Limited" stante li skond l-artikolu 63 tal-istatut ta' assocjazzjoni tal-istess socjeta' ir-rapprezentanza gudizzjarja hija vestita f'zewg diretturi;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' Freeport Terminal (Malta) Limited m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici jew l-assigurat taghha Royal Products Limited;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess fil-kaz li r-relazzjoni guridika bejn is-socjeta' Freeport Terminal (Malta) Limited u s-socjeta' Royal Products Limited temani mill-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta, l-azzjoni attrici hija perenta a bazi tal-artikolu 65 tal-istess Att stante li l-azzjoni ma saritx fiz-zmien rikjest mill-istess artikolu;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’, Freeport Terminal (Malta) Limited ma hijiex responsabbli ghall-allegati nuqqasijiet fil-merkanzija u d-danni sofferti;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ta’ Godwin Abela et nomine fejn eccepixxxa:
Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, l-azzjoni hija preskritta skond il-ligi u cjoe’ ai termini tas-Sub-Incizjoni (a) tal-Artiklu 45 tal- Port Ordinance, 1966.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda flimkien mad-dokumenti li gew esebiti,;

Rat u ezaminat l-affidavits li gew pprezentati mill-attur nomine.

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li din hija kawza komunement maghrufa bhala "marine cargo claim", azzjoni ghal fini ta' rizarciment ta' danni riferibbilment ghall-importazzjoni ta' laham tal-friza li allegatament twassal ghand l-importatur, gja' assikurat ma' l-attur nomine, fi stat iddanneggjat talment li kellu jigi distrutt in toto fuq ordni tas-Sanita'.

Mill-provi prodotti jirrizulta sufficjentement li tabilhaqq din il-merkanzija ta' "frozen boneless beef briskets" waslet ghand ir-Royal Products Limited li ghamlet l-ordni fi stat ta' hsara totali. Gie pprovat ukoll li din kellha tabilhaqq tigi distrutta. Irrizulta wkoll li minn "survey' imhejji mill-Marine Claims Executive tas-socjeta' attrici assiguratrici, Formosa and Camilleri Limited ghas-somma komplessiva ta' sitt elef seba' mija u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm6,780.50c), oltre reklam addizzjonali ta' Lm50.00 (hamsin lira Maltija) ghall "survey fees" u li l-ewwel ammont thallas lill-assikurat ta' l-attur u li l-assikurat "a sua volta" ssurroga lill-atttur nomine fid-drittijiet spettanti lilu bil-ligi biex jirreklama rifuzjoni tad-danni hekk imhallsa. L-attur nomine harrek lil tliet konvenuti, jigifieri lis-socjeta' The Cargo Handling Company Limited, lis-socjeta' Sea Malta Company Limited u lil Freeport Terminal (Malta) Limited. Ghandu jinghad li kwantu ghall-ahhar wahda mis-socjetajiet konvenuti surreferiti li originarjament l-attur nomine kien harrek lis-socjeta' "Malta Freeport Corporation Limited. Wara korrezzjoni akkordata mill-Qorti, prevja n-notifika tal-atti kif korretti, kien hemm bdil

fl-okkju tal-kawza u fost is-socjetajiet imharrkin bhala konvenuti giet issa citata s-socjeta Freeport Terminal (Malta) Ltd. (ara digriet tal-11 ta' Gunju 1993). Illi fost l-eccezzjonijiet ta' natura legali, din is-socjeta' konvenuta eccepiet li l-azzjoni attrici kienet perenta fil-konfront taghha bid-dekors ta sena, minn meta jigifieri giet mahtuta l-merkanzija de quo, fid-29 ta' Novembru1991 u d-data ta' meta giet servuta c-citazzjoni lilha, cjoe' fit-13 ta' Ottubru 1993, u dan a tenur tal-Att tal-1991 dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta a bazi tal-artiklu 65. Lanqas ma jista' jitqies f'dan il-kaz li kienet sehhet xi forma ta' interrruzzjoni jew sospensjoni bil-prezentata tal-att tac-citazzjoni billi t-talba ghad dhul fil-kawza tas-socjeta' Freeport Terminal (Malta) Ltd. sehhet wara d-digriet tal-11 ta' Gunju 1993. Illi ghalhekk l-azzjoni hija tassew perenta fir-rigward tas-socjeta' msemmija.

Illi kwantu ghaz-zewg socjetajiet l-ohra konvenuti lanqas ma jirrizulta sufficjentement mill-provi li kien hemm xi forma ta' ness bejn kawza u effett li b'xi mod jikkonnettu lil dawn iz-zewg socjetajiet, jew lil xi wahda minnhom mad-danni. Ix-xhud ewlieni li seta' jitfa' dawl determinanti fuq dak li seta' gara bla dubbju kien Carmel Vella, veterinarju li ezamina l-laham in kwistjoni. Minn dak li ddepona dan ix-xhud, l-abbli difensur tal-attur nomine ssottometta (ara nota ta' osservazzjonijiet, a fol. 141 tal-process) li billi hawn Malta ma jezistix "blast freezer" allura jridu jghaddu numru ta' sieghat biex laham gja' in parte deterjorat ikun jista' jerga' jigi

ffrizat mill-gdid. Izda dan il-fatt irid jigi inkwadrat mal-bqija ta' l-istess depozizzjoni fejn inter alia insibu li gej,

> *(fol.93)…… "Hi difficli tghid il-hsara meta ssir u kif issir ghax prodott iffrizat f'xi mument jigi, per ezempju "thawed" ghal ftit perjodu u mbaghad terga' tiffrizah ….."*

> *(fol.94)…… "…. Jigifieri seta' sar gimgha qabel, seta' sar xahar, seta' sar sitt xhur qabel, seta' meta kien storeja qabel telaq mill-pajjiz stess fejn kien."*

Dan mhux kollox ghaliex in segwitu waqt il-kontro-ezami, lil dan ix-xhud saritlu domada ferm esplicita, u cjoe'

> *(fol. 95) ……*

*Domanda: "Seta' kien bil-hsara anke qabel ma telaq mill-pajiz ta' origini?*

*Risposta tax-xhud: "Seta', seta', iva".*

Illi minbarra s-suespost, il-Korporazzjoni konvenuta Sea Malta ghabbiet il-merkanzija bil-kundizzjoni *"shipper load stow and count free in / liner out"* u in mankanza ta' prova kuntrarja, tali klawsola trid tinghata l-piz debitu taghha.

Illi fil-konfront imbaghad kemm tal-Korporazzjoni Sea Malta u multo magis fil-konfront tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited josta bis-shih il-Gate Pass Out – ara dokument a fol. 41 – li jiccertifika li l-merkanzija giet rilaxxjata lid-destinatur "in good order and condition", jigifieri bla rimarki. Hemm inoltre kopja tal-"joint tally" – ara dokument a fol. 42 tal-process li wkoll ma jikkontjenti ebda rimarki dwar hsara.

Illi fil-fehma kunsidrata tal-Qorti ghalkemm hsara tassew irrizultat, ma hemm l-ebda prova sufficjenti li torbot ir-responsabbilta' tal-hsarat ma' xi wahda mit-tlett socjetajiet konvenuti fil-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici kif dedotti bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-attur nomine.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md